MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 2337/1997/1

**Citazzjoni Nru: 2337/97**

***Maltacom plc.***
***vs***
***Pirata Ltd.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici, wara li **ppremettiet**: Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenut, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 344887 fil-fond 41 Paceville Avenue, Paceville u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-'service agreement' ezistenti bejn il-partijiet; illi skond l-istess 'service

agreement' l-konvenut kien obblika ruhu li jhallas dawn it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabilit mill-korporazzjoni attrici; illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' LM 1033.48 (elf u tlieta u tlettin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, overseas calls, kera tal-linja, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness 'statement' immarkat bhala dokument B; illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

**Talbet** li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tikkundannah jhallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' LM 1033.48 dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, overseas calls, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konessjoni mas-servizz telefoniku hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittri ufficjali tal-10 ta' Gunju 1997 u l-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni, guramentata minn Saviour Farrugia, u l-lista tax-xhieda;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2001 fejn id-difensur tas-socjeta' konvenuta ta' ruhu b' notifikat bic-citazzjoni;

Rat li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Rat li fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2003, il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:-

Illi l-korporazzjoni attrici qeda titlob minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf tlieta u tletin lira maltin u erba u tmenin centemzu (Lm1033.84) rapprezentanti uzu (pulses/calls), xoghol extra, overseas calls, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konnessjoni ma servizz telefoniku bin-numru 34 48 87 installat fil-fond 41 Paceville Avenue, Paceville.

Illi in sostenn tal-pretensjoni taghha, apparti mid-dikjarazzjoni guramentata ta' Saviour Farrugia, ir-rapprezentant taghha, il-korporazzjoni esebit zewg dokumenti[1] u cioe' l-applikazzjoni ghall-istallazzjoni tas-serivizz fl-imsemmi fond, maghmula mis-socjeta' konvenuta kif ukoll *'break down'* tal-ammont mitlub. Dawn id-dokumenti huma annessi mad-dikjarazzjoni u l-kontenut taghhom gie ikkonfermat bil-gurament mill-imsemmi Saviour Farrugia. Xehed ukoll il-Prokuratur Legali Noel Scerri.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li mil-provi esebiti u mismugha, il-fatti allegati mill-korporazzjoni attrici jinsabu sodisfacentement provati, u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Dok.A u B Fols.5-6